# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 2**

**Rikors numru 201/13/2 TA**

**George Camilleri u martu Anna Camilleri**

**v.**

**David Buttigieg u martu Rita Buttigieg**

**Il-Qorti:**

Din hi talba tal-konvenuti ritrattandi għal rikuża tal-imħallfin sedenti milli jisimgħu ritrattazzjoni tas-sentenza fl-ismijiet premessi tat-22 ta' Ġunju, 2022, billi qed isostnu li sar żball ta' fatt gravi li jidher mill-atti u dokumenti skont l-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12.

Ritrattazzjoni skont dan is-sub-inċiż mhux soltu jagħti raġuni valida għal rikuża tal-imħallfin li jkunu ddeċidew il-vertenza fl-istadju ta' appell billi l-kompitu tal-Qorti hu biss li teżamina jekk il-fatt determinanti għal għoti ta' sentenza meta l-eżistenza jew l-ineżistenza tiegħu ġiet erronjament preżunt mill-Qorti kienx il-fondament ewlieni tas-sentenza.

Madankollu kull każ ikollu l-fattispecie tiegħu u jista' jkun hemm ċirkostanzi partikolari li għal fini ta' trasparenza, il-preġudizzjali tiġi kunsidrata minn ottika ta' ġudikanti li ma kinux dawk li ppronunċjaw is-sentenza.

Billi qari tar-rikors ta' ritrattazzjoni jista' jagħti lok għal xi perċezzjoni ta' *bias* fil-konfront tar-ritrattand mill-imħallfin sedenti speċjalment jekk ser ikunu huma stess li jerġgħu jqisu sarx żball ta' fatt minnhom stess, ikun aktar opportun u trasparenti li din ir-ritrattazzjoni tiġi mismugħa u deċiża minn Qorti diversament komposta.

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' t-talba għar-rikuża u tordna li din ir-ritrattazzjoni tinstema' u tiġi deċiża mill-Qorti tal-Appell diversament komposta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da